**26 ta' Lulju, 1993**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph Said Pullicino B.A., LL.D.**

Alfred Zahra

*versus*

L-Onorevoli Prim Ministru

**Kostituzzjoni – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Libertà Provvizorja – *Bail* – Ksur tal-Kondizzjonijiet ta' – Riarrest**

*Ir-rikorrent allega li l-artikolu 581 tal-Kodiċi Kriminali kien jilledi d-dritt fundamentali tiegħu għal-libertà billi kien jagħmilha impossibbli li huwa jottjeni l-libertà provvizorja wara li jkun ġie riarrest minħabba ksur tal-kondizzjonijiet imposti fuqu in konnessjoni ma' l-għoti ta' dik il-libertà. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talba tar-rikorrent. Il-Qorti Kostituzzjonali rrevokat u ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent.*

*Il-Qorti sabet li ma kien hemm l-ebda inkompatibilità bejn l-artikolu 5(3) tal-konvenzjoni u l-art. 581 tal-Kodiċi Kriminali. Il-Qorti Kriminali kellha diskrezzjoni tivvaluta s-serjetà tal-ksur tal-kondizzjonijiet tal-libertà provvizorja fl-għoti tal-bail.*

1. Din il-proċedura bdiet b'rikors ta' Alfred Zahra quddiem il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fejn espona illi waqt proċeduri kriminali mibdija kontra tiegħu, huwa kien ingħata

l-libertà provviżorja mill-arrest b'ċerti kondizzjonijiet. Din il-libertà provviżorja ġiet sussegwentement irrevokata għaliex Zahra "instab wara l-ħin prefiss" fid-digriet li kkonċeda l-libertà, jiġifieri ma nstabx id-dar f'ħin li fih huwa kellu jkun hemm;

2. Wara dan, huwa talab il-Qorti Kriminali biex jerġa' jingħata l-libertà provviżorja u dan "*stante* illi d-dokumenti relattivi għall-kondizzjonijiet ma kinux regoilari anki proċeduralment";

3. Huwa inoltre ssottometta illi l-Qrati kienu ġew eżawtorati milli jikkonċedu l-libertà provviżorja, għaliex tkun inkisret xi kondizzjoni imposta, meta tkun ġiet konċessa l-ewwel darba, b'dak li jipprovdi l-artikolu 581 tal-Kodiċi Kriminali – Kap. 9;

4. Fuq dawn il-fatti, Zahra llamenta, li fil-konfront tiegħu inkisret il-garanzija għal-libterà li jsemmi l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet Umani u dan speċjalment għaliex ma kien hemm l-ebda ksur tal-kondizzjoni li huwa jidher quddiem il-Qrati u ma kien hemm ebda minaċċja li huwa kien se jaħrab minn dawn il-Gżejjer;

5. Konsegwentement huwa talab il-Qorti biex tiddikjara illi l-artikolu 581 Kap. 9 ma jaqbilx ma' l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni u li għalhekk, il-Qorti għandha tagħtih ir-rimedji kollha li l-każ tiegħu partikolari jimmerita;

6. Il-Gvern espona illi (a) l-artikolu 5(3) japplika biss f'każ ta' arrest taħt l-artikolu 5(1)(ċ) mentri fil-każ preżenti, l-arrest ġie ordnat meta r-rikorrent kiser l-ordni tal-Qorti u dan, *se mai*, huwa kkontemplat fl-artikolu 5(1)(b), u għal dan it-tip ta' arrest

l-artikolu 5(3) ma japplikax; (b) l-artikolu 581 Kap. 9 ma jmurx kontra l-Konvenzjoni, għaliex il-Konvenzjoni ma tikkontempla ebda dritt assolut għal-libertà provviżorja;

7. Qabel ma din il-Qorti tgħaddi biex tirrapporta l-partijiet rilevanti tas-sentenza ta' l-ewwel grad, li minnha saru l-appelli, li hija obbligata li tikkonsidra, huwa neċessarju biex tiġi ajjutata l-kjarezza, li jiġu riprodotti l-artikoli tal-liġi, li għalihom saret riferenza mill-partijiet;

8. L-ewwelnett l-artikolu impunjat bħala inkonsistenti mal-Konvenzjoni Ewropeja:

"Fil-każ imsemmi fl-artikolu 579, lill-arrestat ma jistax jerġa' jiġi mogħti l-ħelsien mill-arrest fl-istess kawża";

Dan jimplika l-**art. 579**:

"Jekk l-imputat jew akkużat jonqos li jidher għall-ordni ta' l-awtorità msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew jonqos li josserva xi kondizzjoni fiha imposta, jew jinħeba jew jitlaq minn Malta jew waqt li jkun meħlus mill-arrest jikkommetti delitt li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja, jew jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'mod ieħor jintralċja jew jipprova jintralċja l-kors tal-ġustizzja fir-rigward tiegħu jew xi persuna oħra, is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta, u, barra minn dan, jiġi maħruġ mandat ta' arrest kontra tiegħu;

Iżda din id-disposizzjoni m'għandhiex tapplika meta l-Qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fl-obbligazzjoni tal-garanzija ma hijiex ta' konsegwenza serja";

L-artikolu 5(3) **tal-Konvenzjoni**, li fuqu jistrieħ ir-rikors, jgħid:

*"Everyone arrested or detained in accordance with the provisions of paragraph 1(c) of this article shall be brought promptly before a judge or other officer authorised by law to exercise judicial power and shall be entitled to trial within a reasonable time or to release pending trial. Release may be conditioned by guarantees to appear for trial";*

Fis-sottomissjoni orali l-avukat tar-rikorrenti għamel ukoll riferenza għas-**subinċiż** (4) ta' l-istess **artikolu 5:**

*"Everyone who is deprived of his liberty by arrest or detention shall be entitled to take proceedings by which the lawfulness of his detention shall be decided speedily by a court and his release ordered if the detention is not lawful";*

Però, matul il-kawża, issemma diversi drabi s-**subinċiż (1)(ċ) ta' l-artikolu 5.** Dan isemmi wieħed mill-każijiet li fihom, skond l-istess artikolu, l-arrest jew detenzjoni ta' persuna jkunu ġġustifikati:

*"the lawful arrest or detention of a person effected for the purpose of bringing him before the competent legal authority on reasonable suspicion of having committed an offence or when it is reasonably considered necessary to prevent his committing an offence or fleeing after having done so";*

9. Fit-3 ta' Ġunju, 1993, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ppronunzjat is-sentenza tagħha li ġiet appellata prinċipalment mill-intimat u inċidentalment mir-rikorrent. Il-partijiet essenzjali

tas-sentenza se jiġu rripetuti u l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti jsegwu kull parti li se tiġi riportata:

Is-sentenza appellata taħt is-sotto-titolu: "Konsiderandi dwar ksur ta' l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja" tgħid:

"Ir-rikorrent qiegħed jgħid illi huwa ġie mċaħħad "mid-dritt tiegħu illi jkollu l-libertà provvizorja pendenti l-proċeduri"; huwa jgħid li dan id-dritt huwa garantit taħt **il-paragrafu (3)** ta' l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

Il-Qorti tifhem li dan il-paragrafu (3) ta' l-artikolu 5 jista' validament jiġi invokat biss fil-każ illi l-arrest tar-rikorrent jkun ġie ordnat fiċ-ċirkostanzi pprospettati **fil-paragrafu (1)(ċ)** ta' l-istess artikolu 5;

*Ex admissis*, ir-rikorrent isostni illi l-ordni tar-riarrest minħabba l-ksur tal-kondizzjoni *de qua* ma saretx u ma kellhiex issir "sabiex huwa jinġieb quddiem l-awtorità legali kompetenti"; u l-Qorti taqbel ma' dan;

Ir-rikorrent isostni wkoll illi r-riarrest tiegħu sar minħabba filli l-artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali jsemmi bħala waħda mir-raġunijiet li għaliha setgħet titneħħielu l-libertà provvizorja, hija dik ta' ksur ta' ordni tal-Qorti; u fil-każ tiegħu l-Qorti sabet li huwa kien kiser il-kondizzjoni illi jkun rikoverat f'daru sa ċertu ħin kif stabbilit fid-digriet li bih kien ingħata l-libertà provvizorja. Il-Qorti taqbel ma' dan ukoll;

F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk, ma jiġix japplika dak li jgħid il-paragrafu (3) ta' l-imsemmi artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja; u fuq dina l-kawżali r-rikors ta' Alfred Zahra **għandu**

jaqa' '';

10. Il-kawża proprjament kellha tieqaf hawn. Kull kawża hija r-risoluzzjoni konkreta ta' l-allegat konflitt bejn fatti li ġraw u l-konformità *o meno* ta' dawk il-fatti mad-dettami tad-dritt. Kull kawża tippresupponi sottostrat ta' fatti li mingħajrhom ma tistax tissussisti;

L-art. 5(3), għal dak li jirrigwarda r-rikors ta' Alfred Zahra, kien jitlob li jiġu stabbiliti dawn il-fatti:

(a) kif sar l-arrest tiegħu u jekk dan l-arrest kienx iġġustifikat fit-termini ta' l-istess art. 5(1);

(b) jekk inġiebx jew le hekk arrestat quddiem ġudikant;

(ċ) jekk ġiex ipproċessat jew le fi żmien raġonevoli, u jekk le;

(d) ġiex meħlus mill-arrest sakemm isir il-proċess liema ħelsien seta' kien oġġett għal garanziji intiżi biex meta jissejjaħ, jattendi għall-proċess;

Huwa xi ftit sintomatiku li f'din il-kawża, ebda prova ta' fatt ma kellha bżonn issir, u difatti ma sarux ħlief provi dokumentali b'riferenza għal dak li ġara quddiem il-qrati kriminali – inferjuri u superjuri;

Il-fatti partikolari għal dan il-każ kienu illi Zahra ngħata l-libertà provviżorja, kif solitu jsir fis-sistema tagħna, mingħajr il-ħtieġa ta' prova rigward it-tul ta' l-arrest jekk dan jeċċedi żmien raġonevoli, qabel ma jgħaddi proċess; illi huwa ma kienx id-

dar ta' residenza tiegħu f'ċertu ħin u b'hekk ikkontravjena waħda mill-kondizzjonijiet tal-libertà akkordata. Il-lament tar-rikors huwa illi nonostante dan il-ksur ta' kondizzjoni – huwa għandu d-dritt li jerġa' jingħata l-libertà provviżorja u li l-Qorti tikkonsidra t-talba tiegħu; u ġaladarba **l-Qorti ma tistax tisma' t-talba tiegħu minħabba l-art. 581 Kap. 9, allura dan l-aħħar artikolu ma jaqbilx mal-Konvenzjoni;**

11. Issa għal dawn il-fatti, qabel xejn, huwa rilevantissimu dak li jgħid il-*proviso* ta' l-art. 579 Kap. 9:

"Iżda din id-disposizzjoni m'għandhiex tapplika meta l-Qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fl-obbligazzjoni tal-garanzija ma hijiex ta' konsegwenza serja";

għaliex dan juri illi l-argument prinċipali tal-lament ta' Zahra huwa fallaċi u ċjoè – mhux talli l-Qorti ma tistax tikkontempla talba għal-libertà provviżorja wara li tkun ordnat ir-riarrest għaliex inkisret kondizzjoni, għaliex jimpediha l-artikolu 581 impunjat, kif jippretendi Zahra, talli iżda, il-Qorti hija **obbligata** li, qabel ma tiddeċidi jekk għandhiex terġa' tagħti jew le l-libertà provviżorja, tikkonsidra jekk il-kondizzjoni, u l-mod kif inkisret, **kinitx ta' konsegwenza serja** u l-artikolu impunjat jiġi invokat **jekk** il-Qorti tiddeċidi li dak li ġara kien ta' **konsegwenza serja,** u mhux mod ieħor;

Wara dan kollu, u fl-aħħarnett, jirrikorri li jiġi eżaminat jekk dik l-istima tal-Qorti "ta' konsegwenza serja" li ġġib magħha id-divjet ta' l-art. 581, hijiex jew le kompatibbli ma' *"(a) release (which may be conditioned by guarantees to appear for trial"*; meta, **fuq il-fatti konkreti** jiġi kkontemplat jekk u meta, għandhiex tingħata libterà provviżorja; meta u jekk jidhirx

li jistgħu jingħataw il-garanziji meħtieġa, kif ukoll jekk għaddhiex jew le, żmien raġonevoli biżżejjed biex jista' jitlaob li jsir proċess – huma x'inhuma l-provi miġbura, u fejn finalment trid tinġibed il-linja bejn l-esiġenzi tal-prosekuzzjoni u dawk tal-liberta ta' l-arrest;

12. (a) Ir-rikorrent, – għalkemm is-sentenza ta' l-ewwel grad, waslet, minn triqat oħra, fejn talab huwa, – appella inċidentalment, għaliex dehrlu illi għandu jiġi ddikjarat li l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni huwa applikabbli għall-każ għaliex dak l-artikolu ma jitkellimx biss fuq l-"arrestat" imma wkoll fuq id-"detenut";

Fuq daqshekk ir-rikorrent huwa riferit għal dak li għadu kif intqal fil-paragrafi preċedenti ta' din is-sentenza li jirrispondu għaliex din id-dikjarazzjoni li qed jitlob, ma tistax issir;

(b) Imbagħad, ir-rikorrent żied "kwistjoni ġdida mmaturata fil-pendenza tal-kawża". Din hija li, fil-konfront tiegħu, inkisret il-garanzija msemmija fl-art. 5(4) tal-Konvenzjoni – preċedentement ikkwotat – meta dan jiġi abbinat ma' l-art. 401(1) Kap. 9, billi dan jiddisponi illi:

"Iżda wkoll kemm-il darba ma jkunx ingħata l-ħelsien mill-arrest, l-akkużat għandu jinġieb quddiem il-Qorti għall-anqas darba kull ħmistax-il ġurnata sabiex il-Qorti tiddeċidi jekk għandux jibqa' arrestat";

U tabilħaqq, **dan** l-artikolu għandu jiġi dejjem osservat, u dan juri kemm il-Kodiċi Kriminali, f'ħafna partijiet tiegħu, jikkontjeni garanziji li jmorru **oltre** dawk li tikkontjeni l-Konvenzjoni li espressament, f'parti minnha – art. 6(3)

tiddikjara:

*"Everyone charged with a criminal offence has the following* ***minimum*** *rights....."*

Iżda f'din il-kawża ma **teżisti ebda prova** li tawtorizza lil din il-Qorti biex teżamina l-allegazzjoni u l-lament imressaq mir-rikorrent f'dan l-istadju, mingħajr il-konfort ta' provi;

13. Is-sentenza appellata però, ma waqfitx hawn. Fis-segwenti prologu spjegat kif hija tikkonsidra l-kompitu tagħha, u taħt *s*-sotto-titolu – "Aspetti oħra involuti fit-talbiet tar-rikorrent" qalet:

"Meta *si tratta* ta' rikorsi ta' dina x-xorta – rikorsi fejn hemm fin-nofs id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali – dina l-Qorti – adita kif inhi adita skond dak li jipprovdi l-artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja – ma għandhiex tkun marbuta u forsi mxekkla b'dawk ir-regoli riġidi ta' proċedura li solitament huma applikabbli għall-ġudizzji solenni oħra. Il-Qorti ma żżommx marbut lir-rikorrent bħal dan b'kull kelma li toħroġ minn fuq xofftu; il-Qorti trid tara l-vera sustanza tat-talba tiegħu, (hu x'inhu l-angolu minn fejn huwa jkun approssimaha), u jekk ikun jidher – kif fil-fehma tal-Qorti jidher f'dan il-każ tal-lum – illi l-fatti li fuqhom ikunu tressqu l-ilmenti avvanzti minnu fir-rikors ikunu jiġġustifikaw illi jitkompla l-proċess ta' l-indaġini ġudizzjarja li jkun jista' jwassal għad-determinazzjoni tal-kwistjoni jekk huhiex minnu li huwa qiegħed jiġi pprivat mid-dritt għal-libertà personali tiegħu, il-Qorti tkompli fuq dan il-proċess u tidħol fuq dawk l-aspetti kollha (għalkemm mhux direttament imqiegħda fix-xena mir-rikorrent) li huma indikati biex tkun tista' tinqata' l-istess kwistjoni;

U, din il-Qorti, kif ikkostitwita u kif konsistentement imxiet fi proċedimenti ta' l-istess xorta ta' dak tal-lum, (malgradu l-kritika li qiegħda tesponi ruħha għaliha mill-puristi ta' proċedura), tidħol fl-aspett l-ieħor involut fil-każ u dibattut mill-abbli avukati tal-partijiet, u tibda biex tagħmel riferenza għal dak li jiddisponi l-imsemmi artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja fil-paragrafi (1) u (4)";

14. Wara dan għaddiet biex tagħmel "Konsiderandi dwar il-paragrafi (1) u (4) ta' l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja", u "Konsiderandi dwar inkosistenza bejn l-artikolu 579 u 581 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 5 tal-Konvenzjni Ewropeja" u "*Obiter re* artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta" biex imbagħad ikkonkludiet is-sentenza hekk:

Għal dawn il-motivi l-Qorti:

(1) tiddikjara illi d-disposizzjoni ta' l-artikolu 5(3) ta' l-Ewwel Skeda ma' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja, invokata mir-rikorrrent, mhix applikabbli għall-każ tal-lum;

(2) tiddikjara illi d-disposizzjoni ta' l-artikolu 581 tal-Kodiċi Kriminali, limitatament in kwantu tapplika għan-nuqqas ta' Alfred Zahra li josserva l-kundizzjoni li jkun irtirat f'daru għal ċertu ħin tal-ġurnata, imposta fuqu bid-digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-15 ta' Jannar, 1993, hija inkonsistenti ma' artikolu 5 imsemmi fl-Ewwel Skeda ma' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja; konsegwentement;

(3) tiddikjara illi huwa miftuħ għal Alfred Zahra d-dritt illi jagħmel talba lill-Qorti kompetenti għall-ħelsien mill-arrest u li din it-talba tiġi kkunsidrata fuq il-merti tagħha, u finalment;

(4) tordna illi l-ispejjeż kollha tal-kawża, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, jitħallsu mill-partijiet, nofs kull wieħed";

15. L-ewwel aggravcju li javvanza l-intimat fil-petizzjoni tiegħu huwa proprju kontra dan il-mod ta' proċediment ta' l-ewwel Qorti, u jesponi:

"Fl-ewwel lok ma hux legalment korrett li wara li waslet għall-konklużjoni li t-talbiet tar-rikorrent ma kinux akkolljibbli *(sic)* kif inkwadrati fir-rikors tiegħu promotorju tal-ġudizzju, il-Qorti, mingħajr ma kellha ebda talba oħra quddiemha, mingħajr ma kien hemm xi korrezzjoni fir-rikors promotorju tal-ġudizzju, mingħajr ma kellha ebda rikors ieħor quddiemha, għaddiet biex *sua sponte* tagħmel konsiderazzjonijiet u tiddeċidi dwar talba ineżistenti u li ma toħroġx mir-rikors promotorju tal-ġudizzju. Anki jekk wieħed, għall-grazzja ta' l-argument, jasal li jikkonċedi li l-Qorti f'rikorsi kostituzzjonali ma għandhiex "tkun marbuta u forsi mxekkla b'dawk ir-regoli riġidi ta' proċedura li solitament huma applikabbli għall-ġudizzji solenni oħra" dan ma jfissirx li allura għandhom jiġu abbandunati l-aktar prinċipji bażiċi tal-ġudizzju kontenzjuż u avversarju b'mod li l-intimat ma jkunx jaf aktar biex jista' jiġi sorpriż għaliex issa mhux biss lill-parti avversarja jrid jikkombatti iżda jrid ukoll jipprova jindovina biex tista' toħroġ il-Qorti. Ma hux leġittimu, u addirittura jverġi fuq nuqqas ta' proċess xieraq, li l-Qorti toltrepassa l-limiti tar-rikors quddiemha u li għalih l-intimat ikun irrisponda, tinżel hi stess fl-arena tad-dibattitu, u saħanistra tissostitwixxi hi stess, mingħajr mitluba, kawżalijiet differenti u tilqa' talbiet li qatt ma sarulha! Ma jistax ikun li r-regoli proċedurali jiġu injorati sa dan il-punt mingħajr ma jinħoloq diżordni sħiħ fl-andament tal-kawżi bi preġudizzju serju għall-parti sokkombenti li tispiċċa ma tafx kif ser tiddefendi l-kawża għaliex finalment hija l-Qorti li tispiċċa

tiddetermina l-impostazzjoni tal-kawża u mhux ir-rikorrent! Kull rikors kostituzzjonali jsir fil-konfront ta' leġittimu kontradittur li għandu interess jiddefendi l-kawża. Fil-każ odjern l-esponenti għandu interess jiddefendi l-kostituzzjonalità tal-liġijiet ta' pajjiżna iżda dan ma jistax jagħmlu b'mod xieraq jekk fl-aħħar tal-proċeduri, anzi fis-sentenza stess li tiddetermina l-kawża, isib li l-kawża ġiet spostata fuq binarju differenti minn dak li hu kellu quddiemu'';

16. Bir-rigward kollu lejn l-ewwel Qorti dan l-aggravju huwa fondat. Ma hijiex kwistjoni jekk il-Qorti hijiex ''imxekkla'' b'regoli riġidi ta' proċedura.....applikabbli għall-ġudizzju solenni'' u l-kritika tal-''puristi ta' priċedura''. Il-kwistjoni pjuttost hija liema hija l-proċedura tajba u ġusta li għandha tiġi segwita fil-konduzzjoni ta' kawżi bħal din – hijiex il-proċedura li tiddetta lill-Qorti li toqgħod għal kwistjoni **konkreta** li għandha quddiemha, kif jimpustawha l-partijiet u speċjalment fil-konfront ta' x'hiex speċifikatament ħass ruħu vittma r-rikorrent – biex b'hekk tiġi assikurata l-ġustizzja li trid li l-konvenut għandu jkollu l-opportunità sħiħa li jirrispondi għal dak li bih jiġi kkonfrontat – jew il-proċedura li mxiet biha l-ewwel Qorti li jidhrilha li **hija** libera li teżamina kull kwistjoni li (jidhrilha) hija (li) għandha tissolleva, fl-astratt, u tikkonduċi diskwisizzjoni akkademika li, valida kemm hija valida, la ma tkunx ankrata **mal-fatti preċiżi** li għandha quddiemha l-Qorti – ma tikkostitwixxix l-oġġett ta' kawża u ta' sentenza – proprju għaliex dejjem tibqa' astratta u ipotetika. Iż-żewġ metodi jappartjenu għall-proċedura – u għalhekk aktar milli jiġu deskritti bħala proċedura pura u proċedura impura – għandhom jintgħażlu fuq kriterji ta' ġustizzja, u din ta' l-aħħar, adottata mill-ewwel Qorti, tagħti lok għal żewġ insidji prinċipali – l-insuffiċjenza ta' opportnità għad-difiża (tkun liema tkun il-parti li trid tirrispondi) kontra

dak li l-Qorti tissolleva u tesponi fis-sentenza meta taddotta proċedura "libera" minn kull rabta u minn kull xkiel, u n-nuqqas ta' limitazzjoni mill-fatti konkreti li huma neċessarju biex tkun tista' tingħata **sentenza** riżolutorja ta' **dik il-problema fattwali,** għaliex altrimenti ma tkunx sentenza imma kontribut għal diskussjoni limitata biss mill-possibbilità tan-numru ta' argumenti li jistgħu jiġu avvanzati. U dan ta' l-aħħar huwa l-kompitu proprju ta' l-istudjużi u ta' l-universitajiet aktar milli ta' l-imħallfin u l-qrati;

17. Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti m'hijiex se tikkonsidra oltre l-partijiet l-oħra tas-sentenza appellata inkwantu dawn ma jattenux għall-fatti in kawża, tilqa' l-appell ta' l-intimat u tirrevoka s-sentenza appellata, li minnha tapprova biss dak li hawn fuq huwa kkwotat fil-paragrafu 9; u għalhekk tiċħad it-talbiet fir-rikors inkwantu Alfred Zahra ma sofra ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali lilu garantiti fl-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 581 Kap. 9 – abbinat, kif bilfors irid jiġi abbinat ma' l-artikolu 579 ta' l-istess kapitolu tal-liġijiet;

L-appell inċidentali tar-rikorrent ma jistax jiġi milqugħ kif spjegat fil-paragrafu 12;

L-ispejjeż kollha, fiċ-ċirkostanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.